VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,072, 19 ta' Ottubru, 2018
Taqsima B

A.L. 333 tal-2018

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u t-Tibdil fil-Klima, bi ftehim mas-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, u wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 549.74.

Emenda ġenerali fil-verżjoni bl-Ingliż tar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-verżjoni bl-Ingliż tar-regolamenti prinċipali, il-kelma "license" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "licence" kull fejn tinsab.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregolament (2) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, fit-tifsira "sit minn fejn isir l-insib" minflok il-kliem "m'għandhiex aktar minn żewġ (2) stazzjonijiet minn fejn isir l-insib għal kull liċenza", għandhom jidħlu l-kliem "m'għandhiex aktar minn stazzjon wieħed (1) minn fejn isir l-insib għal kull liċenza;".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (2) tiegħu, minflok il-kliem "Meta l-persuna bil-liċenza jkollha fil-pussess tagħha liċenza għall-insib fil-Ħarifa maħruġa skont dawn ir-regolamenti, dik il-persuna bil-liċenza ma tistax tuża xbieki li jkollhom malju ta' inqas minn 30 mm:", għandhom jidħlu l-kliem "Meta l-persuna jkollha fil-pussess tagħha liċenza speċjali għall-insib fil-Ħarifa

VERŻJONI ELETTRONIKA

maħruġa skont dawn ir-regolamenti, dik il-persuna ma tistax tuża xbieki li jkollhom malju ta' inqas minn 45mm x 45mm."; u

(b) il-provisos għas-subregolament (2) tiegħu, għandhom jiġu mħassara.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fl-ewwel proviso tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "stabbiliti fl-Iskeda:" għandhom jidħlu l-kliem "stabbiliti fl-Ewwel Skeda:".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (3) tiegħu, minflok il-kliem "u tal-post tal-insib minn fejn dik il-persuna tkun ser tonsob, b'kull mansab immarkat individwalment u approvat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u reġistrat mal-Kummissarju tal-Pulizija.", għandhom jidħlu l-kliem "u tal-post tal-insib minn fejn dik il-persuna tkun ser tonsob, bl-istazzjon minn fejn isir l-insib immarkat u approvat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u reġistrat mal-Kummissarju tal-Pulizija."; u

(b) fis-subregolament (4) tiegħu:

(i) il-paragrafu (a) tiegħu, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej, "l-istazzjon minn fejn isir l-insib ma jkunx f'żona protetta;"; u

(ii) il-paragrafu (b) tiegħu, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej, "ma tistax issir reġistrazzoni ta' aktar minn stazzjon wieħed (1) minn fejn isir l-insib fuq il-persuna liċenzjata u l-istazzjon ma jistax ikollu aktar minn żewġ (2) mnasab, iżda jekk l-istazzjon reġistrat fih mansab wieħed (1) biss, ma jistax jiżdied mansab ieħor.".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

7. Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (e) tiegħu, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Projbizzjoni ta' użu ta'mhux aktar minn stazzjon wieħed.

(e) tispeċifika li kull persuna fil-pussess ta' Liċenza Speċjali tista' tuża biss stazzjon wieħed (1) minn fejn isir l-insib reġistrat mat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u li l-istazzjon minn fejn isir l-insib m'għandux ikollu aktar minn żewġ (2) mnasab minn dura waħda (1):

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda jekk il-persuna liċenzjata fl-istadju tal-applikazzjoni indikat li ser tonsob għall-Pluviera biss jew għaż-żewġ speċi, id-daqs ta' kull xibka m'għandux ikun aktar minn 60 metri kwadri, iżda jekk il-persuna liċenzjata fl-istadju tal-applikazzjoni indikat li ser tonsob għall-Malvizz biss, id-daqs tax-xibka m'għandux jaqbeż 38 metri kwadri:

Iżda ukoll mhux permess li jiżdied mansab ieħor jekk hemm approvat mansab wieħed biss:

Iżda ukoll lanqas mhu permess li dura tinqasam fi tnejn jew aktar sabiex jintnasbu aktar minn żewġ imnasab mid-dura oriġinali.";

(b) paragrafu (f) tiegħu, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Projbizzjoni ta' saffi inkluż '*pockets*'.

(f) tipprovdi li saffi ta' żewġ xbikien jew iktar fuq xulxin jew xi modifikazzjoni oħra, inkluż '*pockets*', huma pprojbiti;";

(ċ) il-paragrafu (h) tiegħu, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Xbieki jitneħħew jew mgħottija.

(h) tispeċifika li qabel ma titlaq minn fuq il-post tal-insib u matul il-ħinijiet kollha li fihom ma jkunx permess l-insib, il-persuna liċenzjata għandha tneħħi ix-xbieki, jew tħalli l-imnasab skargati bix-xbieki kompletament mgħottija:

Iżda l-imnasab, inkluż ix-xbieki u il-lasti, għandhom jiżżarmaw kompletament immedjatament malli jingħalaq l-istaġun tal-insib u mneħħija minn fuq il-post.";

(d) fil-proviso tal-paragrafu (i) tiegħu, minflok il-kliem "li jidhru fl-Iskeda" għandhom jidħlu l-kliem "li jidhru fl-Ewwel Skeda";

(e) fil-paragrafu (k) tiegħu minflok il-kliem "għasafar tat-taħrik u għajat f'kull stazzjon minn fejn isir l-insib" għandhom jidħlu l-kliem "għasafar tat-taħrik u għajat fl-istazzjon minn fejn isir l-insib";

VERŻJONI ELETTRONIKA

(f) fil-paragrafu (m) tiegħu minflok il-kliem "għal dak il-għan;" għandhom jidħlu l-kliem "għal dak il-għan u tipprovdi ukoll li jekk, waqt li jkun jagħmel verifiki fuq il-post, uffiċjal tal-pulizija isib xi għasfur mingħajr ċurkett li jintuża darba u dak l-għasfur ma jkunx ġie iddikkjarat mill-persuna liċenzjata dikinhar stess qabel il-verifika, il-persuna liċenzjata tkun suġġetta għall-multi stabbiliti fi Skeda VIII tar-Regolament dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi;";

L.S. 549.42.

(g) il-paragrafu (n) tiegħu, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar.

(n) tipprovdi li l-pussess u/jew l-użu tat-tisfir irrekordjat minn qabel tal-għasafar huwa ipprojbit anki jekk tali apparat jitħalla waħdu, u tirrikjedi ukoll li jekk, waqt spezzjoni minn uffiċjali tal-infurzar, tali apparat jiġi misjub waqt ħinijiet li fihom mhux permess l-insib, l-istazzjon tal-insib jitneħħa immedjatament minn fuq ir-reġistru u ma jkunx jista' jintuża minn ebda persuna liċenzjata għall-kumplament tal-istaġun;";

(h) il-paragrafu (o) tiegħu, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Speċi protetti.

(o) tipprovdi li l-insib tal-għasafar, ħlief għasafar mill-ispeċi rilevanti, huwa strettament ipprojbit;"

(i) il-paragrafu (p) tiegħu, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Pluvieri u Mlievez b'ċurkett xjentifiku.

(p) tirrikjedi li jekk il-persuna li jkollha liċenza taqbad għasfur li jkun imlibbes ċurkett xjentifiku għandha tirilaxxa immedjatament l-għasfur lura fis-selvaġġ minn fuq l-istess stazzjon tal-insib wara li tikteb id-dettalji taċ-ċurkett xjentifiku fuq il-formola tar-*ring recovery* maħruġa għal dan il-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, u tirritorna il-formola lit-Taqsima fi żmien ġimgħa mill-għeluq tal-istaġun tal-insib;";

(j) fil-paragrafu (q) tiegħu, minflok il-kliem "il-mapep kif approvati" għandhom jidħlu l-kliem "il-mappa kif approvata";

(k) fil-paragrafu (u) tiegħu, il-kliem "li jintużaw għall-

VERŻJONI ELETTRONIKA

għajat jew taħrik u dawk li jkunu inqabdu mis-selvaġġ" għandhom jiġu mħassra minn kull fejn jinsabu; u

(l) minnufih wara paragrafu (u) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"Kondizzjonijiet oħra relevanti.

(v) tipprovdi kondizzjonijiet oħra relevanti sabiex jiġi assigurat li id-deroga tkun implimentata b'mod korrett, limitata fl-iskop tagħha, fuq bażi selettiva u sorveljata b'mod strett skont ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar u d-Direttiva tal-Għasafar (2009/147/EC).".

L.S. 549.42.

8. Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

(a) il-proviso tas-subregolament (3) tiegħu, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Iżda matul is-siegħat kollha li fihom ikun miftuħ l-istaġun għall-insib fil-Ħarifa l-ammont totali ta' uffiċjali tal-pulizija u, jew marixxalli mqabbda sabiex jagħmlu verifiki fuq il-post għandu jkun madwar erbgħin (40). Barra mill-imsemmija siegħat, għandu jkun hemm fuq ix-xogħol żewġ (2) uffiċjali tal-pulizija u, jew marixxalli.";

(b) fis-subregolament (4) tiegħu, il-kliem "matul il-ħinijiet tad-dawl tax-xemx" għandhom jiġu mħassara; u

(ċ) immedjatament wara s-subregolament (4) tiegħu,

VERŻJONI ELETTRONIKA

għandhom jiżdiedu dawn is-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"Proċedura operattiva standard.

(5) Fil-qadi ta' dmirijiethom taħt dawn ir-regolamenti, il-Pulizija, assistita mill-marixxalli kif jista' jkun meħtieġ, għandha tagħmel verifiki fuq il-post kuljum b'mod sistematiku matul l-istaġun kollhu fir-reġjuni kollha murija fi Skeda II. F'Għawdex, verifiki fuq il-post f'reġjuni 1 u 3 għandhom isiru fl-istess waqt ma' verifiki fuq il-post f'reġjuni 2 u 4 minn uffiċjal tal-pulizija separati. F'Malta, verifiki fuq il-post f'reġjuni 5, 6 u 8 għandhom isiru fl-istess waqt ma' verifiki fuq il-post f'reġjuni 7, 9 u 10 minn uffiċjali tal-pulizija separati. Verifiki fuq il-post f'kull reġjun għandhom isiru kuljum. Il-Puliziija għandha tibgħat lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi ir-riżultat ta' kull verifika fuq il-post, għal kull reġjun, sa mhux aktar tard mil-ġurnata ta' wara, f'*format* hekk kif maqbul minn qabel mat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.

Kooperazzjoni mal-NGOs.

(6) Il-pulizija għandhom jikkooperaw mal-għaqdiet mhux governattivi. Rappreżentanti mill-għaqdiet mhux governattivi mqabbda għal dan il-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għandhom jassistu lill-uffiċjali tal-pulizija u, jew marixxalli fil-qadi ta' dmirijiethom skont dan ir-regolament fl-ispezzjonijiet fuq il-post.

Pubbikazzjoni ta' stazzjonijiet approvati.

(7) Il-*coordinates* tal-istazzjonijiet approvati għandhom jiġu ippubblikati fuq l-*internet* mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi minn tal-inqas tlett (3) ijiem qabel jiftaħ l-istaġun tal-insib u jkunu disponibbli *on-line* f'kull ħin waqt l-istaġun tal-insib.".

Jemenda l-Iskeda tar-regolamenti prinċipali.

9. Fit-titolu tal-Iskeda tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kelma "SKEDA" għandhom jidħlu il-kliem "L-EWWEL SKEDA".

Iżid Skeda ġdida mar-regolamenti prinċipali.

10. Minnufih wara l-Ewwel Skeda tar-regolamenti prinċipali, għandha tiżdied din l-Iskeda il-ġdida li ġejja:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"IT-TIENI SKEDA
Suddiviżjoni ta' Malta u Għawdex f'reġjuni għal verifiki fuq il-post b'mod sistematiku



".